

Brussell, 26 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13818/22

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0337(BUD)**

FIN 1111

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	13627/22 (COM(2022) 665 final)
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Awstrija, il-Belġju, il-Ġermanja, il-Greċja, il-Lussemburgu, in-Netherlands u Spanja wara diżastri naturali li seħħew f'dawn il-pajjiżi matul l-2021

1. Fl-14 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE għal ammont totali ta' EUR 718.48 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament, inkluż l-ammont ta' EUR 6.29 miljun bħala pagament bil-quddiem, akkumpanjata minn proposta għat-trasferiment ta' appropriazzjonijiet Nru DEC 20/2022¹.

L-oġġettiv ta' din il-proposta huwa li tingħata assistenza finanzjarja lill-Awstrija (EUR 0.80 miljun), lill-Belġju (EUR 87.74 miljun), lill-Ġermanja (EUR 612.61 miljun), lill-Greċja (EUR 1.35 miljun), lill-Lussemburgu (EUR 1.82 miljun), lill-Netherlands (EUR 4.71 miljun) u lill-Spanja (EUR 9.45 miljun) b'segwitu għad-diżastri naturali li seħħew f'dawn il-pajjiżi matul l-2021.

¹ Dok. 13628/22.

2. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina din il-proposta fil-laqgħa tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2022, u seta' japprovaha.
3. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, kif jinsab fid-dokument 13819/22.
